**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 56 – 7 ta' Frar 2012**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fil-5.30 ta' filgħaxija u saret Aġenda 56. Il-laqgħa bdiet fis-5.35pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Duncan Bartolo | Viċi Sindku |
| | Dominic Cutajar | Kunsillier |
| | Mario Borg | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| | Philip Said | Kunsillier |
| | Mary Vassallo La Rosa | Kunsilliera |
| Skużati: | Emanuel Agius | Kunsillier |
| | Joe Ciantar | Kunsillier |
| Assenti: | Ħadd | |
| Uffiċjal preżenti: | Christopher Formosa | Segretarju Eżekuttiv |
| | Philip Gatt | Project Manager |
| Pubbliku: | Ħadd. | |

Is-Sindku Alfred Grixti qal it-talba.

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq il-minuti ta' Aġenda 55 għall-approvazzjoni u l-kummenti tal-Kunsilliera.

1.2. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-minuti ta' Aġenda 55 jiġu approvati hekk kif preżentati. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Dominic Cutajar. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Mario Borg, George Cortis, Philip Said, Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-minuti ġew approvati hekk kif preżentati b' mod unanimu. (161)

## 2. ĦWEJJEĠ LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

2.1.1. Il-Kunsillier George Cortis għamel referenza għall-proġett ta' Vjal il-Ħelsien. Huwa qal li ta' spiss qiegħed jiġi avviċinat minn residenti li jiġbdu l-attenzjoni fuq ix-xogħolijiet li jkun għaddejjin. Il-Kunsillier Cortis qal li huwa jwieġeb li la hu u lanqas il-Kunsilliera l-oħra ma huma nies tekniċi u l-Kunsill kellu l-periti sabiex jissorveljaw ix-xogħolijiet. Fid-dawl ta' dan il-Kunsillier Cortis talab li jkun jaf jekk il-perit hux qiegħed ikun preżenti fuq il-post tax-xogħol.

2.1.2. Fuq talba tal-Kunsill, il-Project Manager wieġeb li l-perit tal-kuntrattur ikun hemm jissorvelja x-xogħolijiet ta' spiss, iżda l-perit tal-Kunsill kien raħ darba biss. Il-Project Manager kompla jgħid li ħafna drabi jipprova jikkuntatja lill-Perit iżda dan ma jwieġbux, kif ukoll jibgħatlu diversi emails iżda mhux dejjem jirċievi feedback.

2.1.3. Il-Kunsillier Cortis wieġeb li dan mhux sew, u l-perit huwa dak li suppost jiggarantixxi l-kwalita' tax-xogħol permezz tas-sorveljanza tiegħu. Il-Kunsillier Cortis għamel referenza għax-xogħol ħażin li sar fi Triq il-Buskett u fi Triq l-Isqof Caruana. Il-Kunsillier Cortis qal li kieku l-perit jissorvelja aktar ix-xogħol, każijiet bħal dawk imsemmija jiġu evitati. Il-Kunsillier Cortis qal li fl-aħħar mill-aħħar huma l-Kunsilliera li jridu jwieġbu lill-poplu.

2.1.4. Is-Sindku Alfred Grixti rringrazzja lill-Kunsillier Cortis għat-tweġibiet informati li qiegħed jagħti lir-residenti. Is-Sindku spjega li huwa nkwetat b' din is-sitwazzjoni bil-perit għax fl-aħħar mill-aħħar huwa l-perit li jrid jissalvagwardja l-interess tal-Kunsill li fl-aħħar mill-aħħar huwa l-interess taż-Żebbuġin. Is-Sinsku qal li din mhix sitwazzjoni aċċettabli u jippretendi li l-periti tal-Kunsill jagħmlu xogħolhom.

2.1.5. Il-Kunsillier Philip Said qal li huwa jaqbel mat-tħassib li qiegħed jiġi mressaq. Il-Kunsillier Said semma każ partikolari fejn ressaq ilment ta' resident fuq ix-xogħol fi Vjal il-Ħelsien u kemm is-Segretarju Eżekuttiv u l-Project Manager ħadu ħsieb li jsolvu l-problema fl-inqas żmien possibli għas-sodisfazzjon tar-resident. Il-Kunsillier Said qal li huwa jippretendi li l-periti tal-Kunsill joffru l-istess tip ta' effiċjenza u livell ta' servizz muri mill-staff tal-Kunsill.

2.1.6. Il-Kunsillier Dominic Cutajar ikkummenta li ma jistax ikun li l-Kunsill ma jieħux is-servizz meħtieġ meta jħallas flus tajbin lill-periti. Il-Kunsillier

Cutajar fakkar lill-Kunsilliera li huma qegħdin hemm jirrapreżentaw liż-Żebbuġin u f' isimhom iridu jaraw li l-flus qegħdin jintefqu bl-aħjar mod. Il-Kunsillier Cutajar qal li normalment meta kuntratturi oħra fil-passat naqsu milli jipprovdu l-livell ta' servizz mixtieq dawn ingħataw default notices u ma jarax raġuni għala l-Kunsill m' għandux jagħmel l-istess ħaġa mal-periti jekk mhux sodisfatt bis-servizz.

2.1.7. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsilliera li huwa kellu diġa l-opportunita li jitkellem kemm mal-Perit Buhagiar kif ukoll mal-Perit Agius wara li kienu ħarġu ċertu rapport fil-media dwar Vjal Ħelsien. Is-Sindku spjega li matul din il-laqgħa l-Perit Agius kien talab li bħala l-perit tal-proġett ikun hu l-persuna responsabli ta' kollox mingħajr ebda indħil u huwa kien assigura li jkun preżenti u jsegwi x-xogħol kuljum meta jkun għaddej il-proġett iżda s'issa b' dispjaċir ikollu jgħid li l-Perit Agius ftit li xejn qiegħed ikun fuq il-post. Is-Sindku semma wkoll li kien iċċara mal-perit Agius li ma kien hemm l-ebda problema relatata mal-fatt li missieru kien se jkun kandidat għall-elezzjoni li jmiss tal-Kunsill Lokali. Is-Sindku spjega li huwa kien qal lill-perit li sakemm jagħti servizz tajjeb lill-Kunsill ma kellu l-ebda problema miegħu. Is-Sindku Alfred Grixti qal li wara din il-laqgħa kien ħa l-impressjoni li kollox ġie ċċarat imma meta jara l-attitudni li qed jirreferu għaliha l-Kunsilliera jiġuh ċerti dubji.

2.1.8. Kien hemm qbil li s-Sindku jibgħat għall-perit u jiċċara miegħu din is-sitwazzjoni.

2.2. Il-Viċi Sindku Duncan Bartolo daħal għal-laqgħa fil-5.55pm.

2.3.1. Il-Kunsillier Philip Said għamel referenza għal punti 2.6.1. tal-minuti u punt 2.6.5. u talab li jkun jaf xi żviluppi kien hemm.

2.3.2. Is-Sindku Alfred Grixti wieġeb li fl-aħħar laqgħa huwa kien informa lill-Kunsill li prova jilħaq arranġament mal-kuntrattur Schembri Infrastructures sabiex jibda x-xogħol fuq is-servizzi taż-żona tal-Grazzja b' subcontractor sakemm huwa kien maqbud bix-xogħol Ħal Luqa. Is-Sindku spjega li għalkemm ċempillu diversi drabi, kif ukoll kienet intbagħtet email fejn intalbet risposta definittiva sa nhar it-Tnejn 6 ta' Frar, dan il-kuntrattur baqa' ma wieġibx għal din il-proposta. Is-Sindku spjega li dan ma kienx aktar aċċettabli u kien qiegħed jipproponi li l-Kunsill iwaqqa' dan il-kuntratt u joħroġ tender ieħor li jinkludi wkoll dawk it-toroq li kien fit-tender ta' fażi 3 tal-ppp. Is-Sindku Alfred Grixti qal li huwa dejjem wera rieda tajba mal-kuntrattur fejn anke ħareġ għonqu għalih mal-Kunsill, mal-Onor. Chris Said u anke mad-Dipartiment, iżda jidher li dan ma kienx reċiprokat.

2.3.3. Is-Sindku Alfred Grixti qal li sakemm isir dan il-proċess huwa kien laħaq ftehim mal-Project Manager tad-Dipartiment tax-Xogħolijiet tad-Distrett sabiex il-Kunsill jipprovdi l-cold asphalt u l-ħaddiema tiegħu jagħmlu

patching fiż-żona tal-Grazzja u toroq tal-madwar bla ħlas. Is-Sindku kompla jgħid li diġa ġew ordnati 20 tunnellata cold asphalt u meta jippermetti t-temp jinbeda x-xogħol. Is-Sindku spjega wkoll li se tintbagħta ittra lir-residenti sabiex tiġi spjegata s-sitwazzjoni.

2.3.4. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-Kunsill iwaqqa' l-kuntratt ta' Schembri Infrastructures fid-dawl tad-dewmien tal-kuntrattur sabiex jibda x-xogħol miftiehem. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier George Cortis. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Mario Borg, George Cortis, Philip Said, Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-mozzjoni ġiet approvata b' mod unanimu. (162)

## 3. KORRISPONDENZA

3.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar memo mibgħuta mid-Dipartiment dwar reviżjoni fl-allokazzjoni tal-Kunsill li kienet se tirriżulta fi tnaqqis ta' madwar €6,000 mill-allokazzjoni. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li dan sar bħala parti mill-ħidma tal-Gvern Ċentrali sabiex inaqqas l-infieq tiegħu hekk kif mitlub mill-Unjoni Ewropea.

## 4. VOT TA' FLUS

4.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq l-iskeda tal-pagamenti għall-kummenti tal-Kunsilliera. Is-Sindku talab li l-iskeda tiġi emendata sabiex jitħalla barra l-pagament tal-Public Broadcasting Services peress li din kienet invoice għal parteċipazzjoni fi programm li l-Kunsill qatt ma ħa sehem fih. Kien hemm qbil li l-pagament jitneħħa mill-iskeda.

4.2. Il-Kunsillier Philip Said talab aktar informazzjoni fuq il-pagament lill-Kunsill Lokali Kirkop għall-proġett tal-Piroteknika. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li din kienet il-parti ta' ko-finanzjament li l-Kunsill irid joħroġ sabiex jipparteċipa fi proġett tal-Unjoni Ewropea mmirat sabiex jingħata taħriġ dwar sigurta fil-ħidma tal-piroteknika. Is-Sindku spjega li permezz ta' dan il-proġett rappreżentanti tal-każini lokali kienu se jgawdu minn dan it-taħriġ.

4.3. Is-Sindku Alfred Grixti informa lill-Kunsilliera li huwa kien qiegħed jipproponi li l-pagement lil Bonnici Bros jiġi approvat imma c-cheque ma

kienx se jinħareġ qabel ma jitkompla x-xogħol fuq Ħal Mula. Kien hemm qbil dwar dan.

4.4. Is-Sindku Alfred Grixti talab li mal-iskeda jiżdied pagament li jammonta għal €1,125 li jirreferi għall-membership tal-Kunsill fl-EFUS. Kien hemm qbil li dan il-pagamenti jiżdied mal-iskeda tal-pagamenti.

4.5. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex l-iskeda tal-pagementi tiġi approvata hekk kif ġiet emendata. Huwa ġie sekondat mill-Viċi Sindku Duncan Bartolo. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Mario Borg, George Cortis, Philip Said, Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-mozzjoni ġiet approvata b' mod unanimu. (163)

4.6. Il-Kunsillier Dominic Cutajar tkellem dwar l-importanza li l-Kunsill jinvesti f' attivitajiet li jippromwovu l-sports u dan isir f' kollaborazzjoni mal-għaqdiet Żebbuġin. Il-Kunsillier Cutajar qal li huwa kien qiegħed iressaq proposta sabiex il-Kunsill jitkellem maż-Żebbuġ Rangers dwar il-kiri tal-ground tal-football, u wara ssir sejħa għal-għaqdiet sabiex joħorġu b' ideat għal attivitajiet sportivi. Wara diskussjonji kien hemm qbil li l-Kunsill joffri s-somma ta' €200 għal kull darba li jikri l-ground u jikri għoxrin sessjoni minn qabel u jqassam l-attivitajiet skond ir-rikjexti tal-għaqdiet. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier George Cortis. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Mario Borg, George Cortis, Philip Said, Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-mozzjoni ġiet approvata b' mod unanimu. (164)

4.7.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsilliera kien wasal iż-żmien li l-Kunsill jiddiskuti l-budget għall-attivitajiet kulturali għas-sena 2012. Is-Sindku fakkar li l-Kunsill irnexxielu jżomm mal-budget maqbul mill-Kunsill u jorganizza numru kbir ta' attivitajiet li kienu ta' suċċess.

4.7.2. Il-Kunsillier Philip Said qal li ta' min ifaħħar dak li kien qiegħed isemmi s-Sindku u rringrazzja b' mod personali lill-Events u Marketing Co-ordinator tal-Kunsill Dr. Massimo Ellul u l-amministrazzjoni tal-Kunsill, għas-sapport u x-xogħol tajjeb fl-organizzazjoni kemm tal-Healthfest u kif ukoll il-konferenza dwar Dun Karm.

4.7.3. Il-Kunsillier George Cortis ikkummenta li anke hu jaqbel mal-kollega tiegħu Philip Said u rrefera għat-tberik tal-annimali u għall-ħidma li kienet qed issir b' risq l-organizzazzjoni tal-ċerimonja tal-kxif tal-monument tal-vittmi tan-nar. Il-Kunsillier Cortis qal li dawn l-attivitajiet kollha ma kienux jirnexxu kieku ma kienx hemm ko-ordinazzjoni u koperazzjoni bejn kulhadd.

4.7.4. Is-Sindku spjega li għalkemm ġejja elezzjoni tal-Kunsill, hemm numru ta' attivitajiet li xorta jrid jibqgħu għaddejjin bħan-Nightfest u attivtajiet oħrajn peress li dawn irċevew il-fondi mid-Dipartiment, għalhekk il-Kunsill kellu jaqbel fuq budget bħal ma għamel fis-snin ta' qabel. Is-Sindku talab lil Dr. Massimo Ellul jagħti preżentazzjoni tal-attivitajiet ippjanati għas-sena.

4.7.5. Is-Sindku Alfred Grixti qal li jaqbel mal-Kunsilliera dwar is-suċċess li l-Kunsill kiseb bl-attivitajiet kulturali u għamel referenza għall-aħħar attivita' mtella' fejn ġie ffirmat ftehim ta' koperazzjoni mal-Comune ta' Acireale u kien tassew kburi li Kunsill immexxi minnu jrenxxielu jgħaqqad it-tlett baned Żebbuġin flimkien u jipparteċipaw fil-Karnival ta' Acireale. Is-Sindku qal li għas-sena 2012 qiegħed jiġi propost budget ta' €35,000 għall-attivitajiet kulturali liema somma ma tinkludix ir-reklamar u l-management tal-attivitajiet. Il-Kunsillier Dominic Cutajar ressaq mozzjoni sabiex il-proposta ta' budget għall-attivitajiet kulturali mressqa mis-Sindku tiġi approvata mill-Kunsill. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier George Cortis. Ittieġed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Mario Borg, George Cortis, Philip Said, Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-mozzjoni ġiet approvata b' mod unanimu. (165)

## 5. TENDER MONUMENT VITTMI TAN-NAR

5.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsilliera li hekk kif maqbul kien inħareġ ender għall-bini ta' mafkar f' ġieħ il-vittmi tan-nar. Is-Sindku Alfred Grixti stieden lis-Segretarju jispjega r-rapport ta' aġġudikazzjoni mħejji mill-Perit.

5.2. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li kien hemm 3 offerti għal dan ix-xogħol;

| | |
|---|---|
| 1. Avantgarde Projects Ltd. | €32,691.89 |
| 2. HalMann Vella Ltd. | €23,106.67 |
| 3. Agius Marble Works Ltd. | €22,349.22 |

5.3. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-Perit kien ħadem stimi riveduti bbażati fuq ir-rati sottomessi minħabba xi bidliet li kien hemm fid-disinn tal-monument u r-rati riveduti ġew;

| | |
|---|---|
| 1. Avantgarde Projects Ltd. | €46,744.29 |
| 2. HalMann Vella Ltd. | €29,258.00 |
| 3. Agius Marble Works Ltd. | €18,246.36 |

5.4. Il-Kunsillier George Cortis ressaq mozzjoni sabiex il-Kunsill jimxi mar-rakkomandazzjoni tal-Perit u jintagħżel il-kuntrattur Agius Marble Works Ltd. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Philip Said. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Mario Borg, George Cortis, Philip Said, Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-mozzjoni ġiet approvata b' mod unanimu. (166)

**6. ĦWEJJEĠ OĦRA JEKK MEQJUSA URĠENTI**

6.1. Il-Kunsillier George Cortis talab li jkun jaf f' liema stadju wasal ix-xogħol fuq il-bus shelter tal-pjazza. Is-Sindku wieġeb li mill-informazzjoni li ġabar mingħand il-project manager, il-bus shelter kien qiegħed jinħadem.

6.2. Il-Kunsillier Philip Said xtaq jifraħ lis-Segretarju Eżekuttiv li kien lesta l-istudji tiegħu f' Masters Degree u kien gradwa riċentament. Il-Kunsillier Philip Said qal li dan kien sinjal ieħor li l-Kunsill kien qiegħed jaħdem bl-aħjar mod possibli permezz ta' riżorsi umani kwalifikati u kompetenti fis-settur.

6.3.1. Il-Kunsillier Philip Said għamel referenza għal xi rapporti li dehru fil-media dwar żjara tal-kap ta' l-oppozizzjoni Dr. Joseph Muscat fil-Ħamrun sabiex isegwi l-proġetti tal-Kunsill. Il-Kunsillier Philip Said qal li qiegeħd jantiċipa li żjara simili ssir ukoll ġewwa Ħaż-Żebbug u jkun kuntent li jiġi nfurmat biha. Il-Kunsillier Said qal li huwa jirrikonoxxi li l-Kunsill kien imexxi minn maġġoranza tal-Partit Laburista, u li ħafna mill-inizjattivi ttieħdu mis-

Sindku, imma huwa jħoss li anke f' okkażjoni simili għandu joħroġ is-sens ta' għaqda u koperazzjoni li huwa simbolu tal-ħidma tal-Kunsill preżenti.

6.3.2. Il-Kunsillier George Cortis ikkummenta li huwa ma kellu l-ebda dubju li s-Sindku ma kienx se jifurmahom fuq żjara simili.

6.3.3. Is-Sindku Alfred Grixti wieġeb li dak li ġara l-Ħamrun jinkwetah, u ġiet mogħtija nterpretazzjoni ħażina tal-affarijiet kif ġraw. Is-Sindku spjega li Dr. Joseph Muscat kien preżenti l-Ħamrun bħala parti mill-kampanja elettorali tal-Kunsilli Lokali sabiex jippreżenta l-kandidati tal-Partit Laburista għall-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali fil-Ħamrun, u kif kien hemm huwa ġie mistieden jagħti titwila lill-proġett tal-Kunsill, imma bl-ebda mod ma fetaħ jew inawgura dan il-proġett hekk kif ġie rrapurtat b' mod ħażin fil-media.

6.3.4. Is-Sindku Alfred Grixti qal li dan jinkwetaħ għax huwa dejjem sab rispett u koperazzjoni mill-kunsillierta tal-Partit Nazzjonalista sa mill-ewwel ġurnata li laħaq Sindku meta ġie avviċinat mill-Kunsillier Mario Borg, li kien jokkupa r-rwol ta' minority leader, li offrielu l-għajnuna u s-servizz tal-Kunsilliera Nazzjonalisti. Is-Sindku spjega li sa minn dik il-ġurnata dan l-ispirtu ta' rieda tajba u koperazzjoni ma naqas qatt u dejjem kien hemm irġulija u responsabilta. Is-Sindku kompla jgħid li mill-banda l-oħra ma xtaq jimbarazza lil ħadd u jistiednu għall-attivita politka ta' partit ieħor.

6.4. Il-Kunsillier Philip Said għamel referenza għal talba dwar one-way ta' Triq Santu Rokku. Is-Segretarju spjega li din it-talba ġiet mressqa kemm il-darba lil Transport Malta imma dejjem baqgħat mingħajr tweġiba. Is-Sindku Alfred Grixti talab lis-Segretarju sabiex jikteb ittra lil Transport Malta u jagħti ultimatum għal risposta u f' każ li l-Kunsill ma jingħatax risposta, l-one-way taqbad u teħel xorta.

6.5.1. Il-Kunsillier Mario Borg qal li fl-aħħar ta' din il-leġislatura huwa jħares lura lejn din l-esperjenza bħala waħda *bitter-sweet* imma li tħalli rikordji sbieħ u kuntent li għamilha. Il-Kunsillier Borg qal li l-għan tiegħu minn dejjem kien li l-kunsilliera kollha jinsew l-iskopijiet personali tagħhom u jaħdmu għal għan wieħed, il-ġid ta' Ħaż-Żebbuġ, u kuntent li fl-aħħar il-Kunsill irnexxielu jilħaq dan il-għan u kienet qed tirrenja ċerta armonija bejn il-Kunsilliera u kulħadd kien qiegħed jaħdem flimkien għal skop wieħed. Il-Kunsillier Borg qal li hu dejjem prova jgħin fejn seta', anke meta kien fis-segretarjat privat tal-Onor. Dr. Chris Said.

6.5.2. Il-Kunsillier George Cortis qal li anke hu xtaq jirringrazzja lill-sħabu l-Kunsilliera u b' mod speċjali lis-Sindku Alfred Grixti, għal mod unit li bih ħadmu fl-aħħar sentejn u nofs fejn fl-aħħar ħassu tassew Kunsillier li kellu l-ispazju fejn ikun ta' servizz għal Ħaż-Żebbuġ u r-residenti tiegħu. Il-Kunsillier Cortis kompla jgħid li bħala kunsilliera kellhom ikunu kuntenti bil-

ħdima u bl-attivitajiet kollha li wettqu u li għalkemm għad fadal ħafna xogħol xi jsir, kien konvint li jekk jinżamm dan l-ispirtu, kollox jitwettaq.

6.5.3. Il-Kunsillier Philip Said ingħaqad mal-Kunsilliera l-oħra u qal li kien kuntent li għal darb' oħra serva ta' kunsillier fi ħdan il-Kunsill. Il-Kunsillier Said wiegħed li huwa se jibqa jgħin lill-Kunsill anke jekk ma jiġix elett bħalma diġa għamel fil-passat.

6.5.4. Il-Kunsilliera Mary Vassallo La Rosa qalet li fl-aħħar ta' din il-leġislatura xtaqet tirringrazzja lis-Sindku li ta' importanza bl-istess mod lill-Kunsilliera kollha u tagħhom iċ-ċans iressqu l-ideat tagħhom.

6.5.5. Il-Viċi Sindku Duncan Bartolo qal li xtaq jingħaqad mal-Kunsilliera l-oħra fil-kummenti tagħhom u b' mod speċjali xtaq jirringrazzja lill-Kunsillier Dominic Cutajar tal-ħidma tiegħu li ma tieqafx u li minn tgħallem ħafna tul dawn l-aħħar erba' snin jaħdmu flimkien.

6.5.6. Il-Kunsillier Dominic Cutajar qal li għalkemm huwa ma kienx se jerġa jikkontesta l-elezzjoni tal-Kunsill, huwa kien qiegħed jawguralhom li jkomplu jaħdmu għal ġid ta' Ħaż-Żebbuġ ħalli tajjeb li kien inbeda jitkompla.

6.5.7. Is-Sindku Alfred Grixti beda billi ta' l-awguri tiegħu lill-Viċi Sindku Duncan Bartolo f' okkażjoni taż-żwieġ tiegħu. Is-Sindku kompla jgħid li m' għandux biżżejjed kliem biex jirringrazzja lill-Kunsillier Mario Borg li permezz tal-ħidma tiegħu għen sabiex fil-Kunsill jiddaħħal spirtu ta' koperazzjoni u għaqda bejn il-Kunsilliera u l-ispirtu preżenti li kulħadd għamel referenza għalih kien ġej propju mill-ħidma tal-Kunsillier Borg.

Is-Sindku qal li huwa xtaq jirringrazzja b' mod personali lill-Kunsilliera kollha li kienu ta' għajnuna, speċjalment lil dawk li ma kienux se jerġgħu jikkontestaw għall-elezzjoni. Is-Sindku Alfred Grixti kompla jgħid li xtaq jirringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv tal-ħidma tiegħu u tal-appoġġ tiegħu kif ukoll tal-fatt li meta kellu jiġbidlu l-attenzjoni dejjem għamel dan. Is-Sindku irringrazzja wkoll lill-Project Manager tal-entużjajżmu li jpoġġi fix-xogħol tiegħu, kif ukoll lil Graziella Facciol, Silvana Marmara u George Custo tax-xogħol tagħhom. Is-Sindku kkonkluda billi rringrazzja lill-Events u Marketing co-ordinator tas-servizz u l-ħidma tiegħu li permezz tagħha l-Kunsill irnexxielu jgħolli l-kwalita' kemm tal-attivitajiet tiegħu u tal-mod kif jilħaq lir-resident.

## 7. AĠĠORNAMENT

7.1. Is-Sindku Alfred Grixti aġġorna l-laqgħa għal nhar il-Ħamis l-1 ta' Marzu fil-5.30pm. Il-laqgħa spiċċat fis-7pm.

Alfred Grixti
Sindku

Christopher Formosa
Segretarju Eżekuttiv

,